**322. L-Onor Franco Debono jipproponi:**

Peress illi ż-żona ta' Birżebbuġa u Marsaxlokk ilha għal dawn l-aħħar snin tiġi sottomessa għal proċess progressiv ta' industrializzazzjoni qawwija, u possibilment mhux sostenibbli, mingħajr ma saru sforzi suffiċjenti sabiex jinżamm bilanċ bejn l-industrija emerġenti fiż-żona u s-saħħa u l-benesseri tal-familji u tal-ambjent, u dan irriżulta f'detriment lill-sitess familji u ambjent taż-żona;

Peress illi fl-istess inħawi jeżisti defiċit ambjentali perikoluż u defiċit infrastrutturali preokkupanti, riżultat ta' snin ta' abbandun, inkluż iżda mhux biss f'dak li jirrigwarda spazji ta' rikreazzjoni u faċilitajiet sportivi għar-residenti u l-familji, b'riferenza partikolari għall-*pitch* tal-*waterpolo* f'Birżebbuġa illi jikkostitwixxi parti sostanzjali mill-identità tal-istess raħal anke mill-perspettiva storika;

Peress illi fis-sena 2012 huwa inaċċettabbli li estensjoni tal-*power station*, li tinsab sitwata fl-istess area, titħaddem bil-*heavy fuel oil*, li jinkwina, jikkawża mard u li huwa ta' detriment u theddida serja għall-ambjent u għas-saħħa tar-residenti tan-naħa ta' isfel ta' Malta partikolarment taż-żona li tinkludi, iżda mhux biss B'Buġa, M'Xlokk, Żejtun, Marsaskala, u Ħal-Għaxaq;

Peress illi jista' jagħti l-każ illi l-livell u l-kwalità tal-emissjonijiet mill-*power station* ta' Delimara possibilment għadhom mhux kompletament konformi mad-direttivi tal-UE;

Peress illi 1-operat tal-Petroleum tal-Enemalta li jsir mill-Impjant tal-31 ta' Marzu 1979, magħruf bħala tax-Shell f'Birżebbuġa, fejn jinsabu ħażniet ta' ammonti kbar ta' *fuel* huwa ta' periklu kbir għar-residenti u potenzjalment jista' jkun kaġun ta' xi disgrazzja kbira, peress illi jinsab sitwat fil-qalba tar-raħal ta' Birżebbuġa, u appoġġ saħansitra ma' diversi residenzi;

U peress illi r-residenti ta' din iż-żona ilhom ibatu snin mill-industrializzazzjoni illi tikkontribwixxi u ikkontribwixxiet għal-avvanz ekonomiku ta' dan il-pajjiż kollu kemm hu;

Peress illi dawn il-punti, bħala deputat elett u li nirrappreżenta f'din il-Kamra lil dawn ir-residenti, ilni li qajjimthom sa mis-sena 2008, f'diversi diskorsi ripetuti u interventi f'dan il-Parlament u fil-mezzi tax-xandir u l-istampa kif ukoll personalment mal-Prim Ministru u diversi ministri tal-Gvern u b'mod mill-aktar aċċentwat fid-diskors tiegħi fil-mozzjoni dwar l-estensjoni tal-*power station* f'Delimara, fejn oġġezzjonajt bl-aktar mod qawwi u ċar għal estensjoni tal-*power station* f'Delimara li taħdem bil-*heavy fuel oil* u għamilt diversi proposti, iżda minkejja dawn l-isforzi kostanti u ripetuti kollha baqa' jew ma sar xejn jew l-affarijiet mxew jew mexjin b'pass ta' nemla u bi prokrastinazzjoni inkredibbli b'detriment kbir għas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti u l-ambjent tal-madwar;

Għaldaqstant din il-Kamra tar-Rappreżentanti għandha b'urġenza tirrisolvi illi:

Jitneħħa bl-akbar urġenza, b'mod mill-aktar immedjat u li jirrifletti l-gravità u l-perikoložità tas-sitwazzjoni billi jiġi rilokat għal sit aktar xieraq l-operat tal-Petroleum tal-Enemalta li jsir mill-Impjant tat-31 ta' Marzu 1979, magħruf bħala tax-Shell f'Birżebbuġa;

Illi l-*power station* f’Delimara għandha tikkonforma kompletament mad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, f’każ li jirriżultaw xi nuqqasijiet, u illi l-estensjoni m'għandiex titħaddem bil-*heavy fuel oil*, iżda bil-gass jew għallinqas bid-diesel, illi jinkwinaw ħafna anqas mill-*heavy fuel oil*;

Illi għandhom jittieħdu miżuri sostanzjali u urġenti sabiex jiġi assigurat illi jiġi mwaqqaf kull żvilupp fiż-żona li mhux sostenibbli jew li jikser liġijiet jew direttivi tal-Unjoni Ewropea, u fl-istess waqt issir ġustizzja mar-residenti permezz ta’ xogħlijiet neċessarji, tneħħija ta' inkonvenjenti kif ukoll kumpens xieraq għas-sagrifiċċji illi ilhom ibatu għal dawn l-aħħar għexieren ta’ snin u għadhom ibatu kull ġurnata minħabba li l-industrializzazzjoni qawwija li minnha qed igawdi l-kumplament tal-pajjiż, ma ħaditx in kunsiderazzjoni id-defiċit ambjentali b'impatt konsegwenti fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti li kien u għadu qed jinħoloq ukoll minħabba n-nuqqas ta’ titjib infrastrutturali neċessarju matul is-snin.

30.08.12